**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar it-28 ta' Jannar 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs.**

**Thomas Duca**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0585291M

**Każ Numru: 6351/2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Thomas Duca, iben Mario u Catherine neé Baldacchino, imwieled il-Pietà nhar l-20 ta' Novembru 1991, residenti ġewwa Duca, Block 3, Flat 2, Vjal l-Oleandri, Santa Luċija, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0585291M

akkużat talli nhar il-15 ta' Diċembru 2022 għal ħabta ta' 11:00hrs u fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-Pietá, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kien magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel inġurji jew theddid mhux msemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ex-partner tiegħu Stephanie Attard, jew, jekk kien

ipprovokat, inġurjaha b' mod li ħareġ barra mill- limiti tal-provokazzjoni;

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil- ħsieb li jġiegħel lill-ex-partner tiegħu Stephanie Attard tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' Stephanie Attard jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati billi tapplika l-Artikolu 382A et. seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et. seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u wkoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1]; l-affidavit ta' PC2381 J.Bondin[2]; l-affidavit ta' Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' GO p.l.c.[3]; risk assessment fuq il-persuna ta' Stephanie Attard[4]; sensiela ta' messaġġi skambjati bejn il-partijiet[5]; sensiela oħra ta' messaġġi skambjati bejn il-partijiet[6]; kuntratt li jirregola l-kura u l-kustodja tal-minuri bint il-partijiet[7];

Semgħet ix-xiehda ta' **Stephanie Attard** minnha mogħtija nhar it-22 ta' Ottubru 2024[8] u wkoll tal-imputat **Thomas Duca** ukoll minnu mogħtija fl-istess data;

[1] Immarkat Dok. JG, bir-referenza GHQ/GBDV/2120/2022 a fol. 3 tal-proċess;
[2] Immarkat Dok. JG 1, a fol. 9 et. seq. tal-proċess;
[3] Immarkat Dok. JG2, fol. 17 tal-proċess;
[4] Immarkat Dok. JG4, fol. 23 et. seq. tal-proċess;
[5] Komplessivament immarkati Dok. JG5, fol. 40;
[6] Esebiti minn Stephanie Attard, immarkati, Dok. SA1 sa SA3, fol. 63 et. seq. tal-proċess;
[7] Fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono, iddatat l-14 ta' Marzu 2024;
[8] Fol. 48 et. seq. tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwelnett, il-Qorti tħoss li għandha toħroġ mill-vesti tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ladarba dan il-każ ġie quddiemha, tgħaddi kumment ulterjuri u dana sempliċiment fl-aħjar interess tal-minuri bint il-partijiet. Illi mix-xhieda tal-partijiet il-Qorti setgħet tinnota animożità kbira bejn il-partijiet. Il-partijiet huma mberkin b'tifla li llum għandha tnax-il sena li għandha wkoll id-diffikultajiet tagħha. Il-Qorti setgħet tosserva animożità kbira miż-żewġ naħat, fosthom bħala eżempju jingħad, illi l-imputat isejjaħ il-parte ċivile għal iktar minn darba, almenu darbtejn fix-xhieda tiegħu bħala "l-avversarju". Tinnota wkoll illi l-parte ċivile li wegħdet li ħa tirtira kull proċedura fil-kamp penali għażlet illi xorta tibqa' għaddejja b'dawn il-proċeduri. It-tielet lok għandek il-parte ċivile wkoll li timblokka lill-missier, li qed jipprova jċempel sabiex jara l-andament tat-tifla, milli jċemplilha. Ma tonqosx ukoll illi tosserva t-ton iebes u dispreġġjattiv illi l-partijiet jużaw fil-konfront ta' xulxin fil-messaġġi skambjati ta' bejniethom.

Il-Qorti tħoss illi hija fid-dmir illi twissi lill-partijiet illi tali animożità tħalli effett negattiv fuq kull wild u kwindi l-Qorti ma tistax ħlief timmaġina x'effett negattiv tħalli fuq din il-wild partikolari li diġà, ta' etá tant tenera, għandha sfidi ta' natura mentali. Il-Qorti tosserva wkoll illi qabel kull għajnuna li tista' tingħata lil din il-minuri mill-professjonisti esterni, jeħtieġ illi fl-aħjar interess ta' binthom, il-partijiet jinżgħu din l-animożità ta' bejniethom u jimxu id f'id, jekk fuq xejn, almenu fuq dak kollu li jirrigwarda l-ġid ta' din il-minuri.

Il-Qorti tħossha skandalizzata li l-partijiet li għandhom tifla b'dawn il-problemi, qegħdin ifittxu dawn l-irqaqat ta' bejniethom. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda, f'dan l-istadju, tissuġġerixxi lill-partijiet sabiex jagħmlu xi kors ta' parenting skills biex jaraw kif ser jaħdmu id f'id fl-aħjar interess ta' din il-minuri qabel ma jkun tard wisq u biex jaraw kif ħa jirnexxilhom din l-animożità kbira, din il-mibegħda kbira, li għandhom lejn lil xulxin jindirizzawha.

Wara li tat dik it-twissija, li ħasset kien id-dmir tagħha li tagħti fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti sejra taddivjeni għall-eżami tal-akkużi quddiemha.

Illi fl-ewwel lok u dana relattiv għall-ġudizzju ta' dawn ir-reati miġjuba quddiem din il-Qorti, il-Qorti kkunsidrat illi fix-xhieda tagħha l-parte ċivile ma qalitx id-data ta' meta ġara l-akkadut u semmiet id-data biss wara li ġiet xprunata minn din il-Qorti biex tagħti d-data ta' meta seħħ l-akkadut u baqgħet xorta waħda ma qalitx is-sena. Inoltre, in-numri tal-mobiles ma ġewx dikjarati minnha u l-Qorti għaldaqstant tqis illi dan mhuwiex il-mod kif jitressqu l-provi fil-kamp kriminali fejn il-grad tal-prova huwa daqstant għoli. Għal dawn il-motivi, il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkużi sal-ġrad rikjest mil-liġi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u wkoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lill-imputat **mhux ħati** tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull piena.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur